



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Jannar 2024  
(OR. en)

5733/24  
PV CONS 3  
AGRI 46  
PECHE 32

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(**Agrikoltura u Sajd**)  
23 ta' Jannar 2024

## 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 5205/24.

## 2. Approvazzjoni tal-punti "A"

### (a) Lista mhux leġislattiva

5279/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

### (b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

5281/24

## Suq Intern u Industrija

1. **Direttiva li temenda d-Direttiva 2005/36/KE fir-rigward tar-rikonnoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-infermiera responsabbli għall-kura ġenerali mħarrġa fir-Rumanija**  
*Adozzjoni tal-att leġislattiv*  
approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-17.01.2024



5199/24  
PE-CONS 66/23  
MI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 46, 53(1) u 62 TFUE).

## Saħħa

2. **Regolament dwar it-tariffi u l-imposti pagabbli lill-EMA**  
*Adozzjoni tal-att leġislattiv*  
approvat mill-Coreper, Parti 1, fis-17.01.2024



5183/24  
PE-CONS 59/23  
PHARM

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4), il-punti (b) u (c) TFUE).

**3. Deċiżjoni dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija (materji ċivili u kummerċjali)**



5136/24 + ADD 1  
PE-CONS 65/23  
JUSTCIV

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.01.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 81(2) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni.

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

**4. Deċiżjoni tal-Kunsill li tagħti s-setgħa lil Franza biex tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili relatati mal-liġi tal-familja**



5094/24  
15124/23  
JUSTCIV

*Adozzjoni*

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-18.01.2024

Il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti kif tinsab fid-dokument 15124/23 (bażi legali: l-Artikolu 81(3) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni.

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **Programm ta' ħidma tal-Presidenza**  
*Preżentazzjoni mill-Presidenza*



Il-President ippreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-Presidenza Belġjana rigward is-setturi tal-Agrikoltura u s-Sajd.

### AGRIKOLTURA

4. Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ 5503/24  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*  
*Skambju ta' fehmiet*

5. **Djalogu strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE** 5145/24  
*Informazzjoni mill-Presidenza u mill-Kummissjoni*  
*Skambju ta' fehmiet*



Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar id-djalogu strateġiku tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE. Hu ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni.

### Attivitajiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6. **Regolament li jistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ għal foresti Ewropej reżiljenti** 5229/24  
*Skambju ta' fehmiet*



Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar qafas ta' monitoraġġ għal foresti Ewropej reżiljenti abbażi tat-tliet mistoqsijiet proposti mill-Presidenza.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti tad-delegazzjonijiet u tat-tweġiba tal-Kummissjoni, li jgħinu biex tiġi inkwadrata l-ħidma futura li tibda malajr fil-livell tekniku.

## Affarijiet oħra

7. a) Sanzjonijiet fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-ikel u 5522/24  
daww agrikoli Russi fl-Unjoni Ewropea biex tkompli  
tiddgħajef il-kapaċità tar-Russja li tmexxi l-gwerra tagħha  
kontra l-Ukrajna  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Latvjana, f'isem id-  
delegazzjoni Estonjana, Latvjana u dik Litwana*

b) Il-ħtieġa li fir-regolament il-ġdid dwar Miżuri 5591/24  
Kummerċjali Awtonomi għall-Ukrajna jiġu inklużi  
soluzzjonijiet effettivi għall-prevenzjoni ta'  
importazzjonijiet agrikoli eċċessivi mill-Ukrajna kif ukoll  
impatti negattivi fuq is-settur agrikolu tal-UE u tal-Istati  
Membri tagħha, b'mod partikolari daww li jaqsmu fruntiera  
mal-Ukrajna  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka*

c) **Implimentazzjoni korretta tas-sistema ta' monitoraġġ 5554/24**  
**tal-erja biex jiġu żgurati l-oġġettivi tas-simplifikazzjoni**  
**u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv**  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka, appoġġata*  
*mid-delegazzjoni Bulgara, Ċiprijotta, Daniża, Estonjana,*  
*Finlandiża, Franċiża, Griega, Kroata, Lussemburgiża,*  
*Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Slovakka, Ungeriża*  
*u Żvediża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ċeka, il-kummenti  
tad-delegazzjonijiet u t-tweġiba tal-Kummissjoni.

d) **L-evalwazzjoni mill-ġdid tal-annessi tad-Direttiva 5478/24**  
**dwar il-Habitats fir-rigward ta' ċerti popolazzjonijiet**  
**ta' karnivori kbar**  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Finlandiża, appoġġata*  
*mid-delegazzjoni Awstrijaka, Ċeka, Griega, Taljana,*  
*Latvjana, Rumena, Slovakka u dik Żvediża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Finlandiża, il-kummenti  
tad-delegazzjonijiet u t-tweġiba tal-Kummissjoni.

- e) **Inizjattiva għar-reżiljenza tal-korpi tal-ilma u d-disponibbiltà tal-ilma fl-Unjoni Ewropea** [2] 5504/24  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Portugiża, appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Ċiprijotta, Rumena, Taljana u Ungeriża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Portugiża, il-kummenti tad-delegazzjonijiet u t-tweġiba tal-Kummissjoni.

- f) **L-użu ta' RENURE bil-ħsieb tal-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati** [2] 5502/24  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Netherlandiża, appoġġata mid-delegazzjoni Daniża u dik Taljana*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni tan-Netherlands, il-kummenti tad-delegazzjonijiet u t-tweġiba tal-Kummissjoni.

- g) **Ir-rwol tal-PAK fil-preservazzjoni tal-produzzjoni primarja tal-ikel ta' kwalità għolja mill-azjendi agrikoli** [2] 5469/1/24 REV 1  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka, fisem id-delegazzjoni Awstrijaka, Franċiża u Taljana, u appoġġata mid-delegazzjoni Ċeka, Ċiprijotta, Griega, Lussemburgiża, Maltija, Pollakka, Rumena, Slovakkja, Spanjola u Ungeriża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka, il-kummenti tad-delegazzjonijiet u t-tweġiba tal-Kummissjoni.

- 
- [1]** L-ewwel qari
- [C]** Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
- [2]** Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 5281/24**

**Dwar il-punt "A"**      **Deċiżjoni dwar awtorizzazzjoni indirizzata lil Franza biex tinnegozja**  
**nru 3:**                      **ftehim bilaterali mal-Alġerija (materji ċivili u kummerċjali)**  
                                     *Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA**

"Id-Deċiżjoni tippromponi li tagħti s-setgħa lil Franza tinnegozja ftehim bilaterali mal-Alġerija dwar kwistjonijiet marbuta ma' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali.

L-Irlanda tifhem il-kuntest eċċezzjonali tad-Deċiżjoni proposta, kif deskritt kemm mill-Kummissjoni kif ukoll minn Franza, li lilha biss hija indirizzata. L-Irlanda tilqa' l-ftehim dwar il-proposta u tappoġġa bis-sħiħ li Franza tingħata s-setgħa li tinnegozja u tikkonkludi l-ftehim mal-Alġerija.

Id-Deċiżjoni proposta tikkonforma mal-Artikolu 81(2) u billi l-Artikolu jinsab fit-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, japplika l-Protokoll Nru 21 tat-TUE u t-TFUE.

L-Irlanda tipparteċipa fl-acquis sottostanti li jikkonċerna din id-Deċiżjoni proposta u hija marbuta biha<sup>1</sup>. Għalhekk l-Irlanda tqis li hija marbuta bid-Deċiżjoni proposta f'konformità mat-termini tal-Artikolu 6 tal-Protokoll 21 TFUE.

Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, l-Irlanda ma tqisx li l-kwistjoni tal-parteeipazzjoni jew in-nonparteeipazzjoni tal-Irlanda fid-Deċiżjoni proposta skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 TFUE titqajjem kif riflessa attwalment fil-Premessa (11) tad-Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda.

L-Irlanda tqis, skont preċedent, li l-premessa li ġejja tirrifletti b'mod aktar preċiż il-parteeipazzjoni tal-Irlanda fil-miżuri, billi tqis id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6 tal-Protokoll 21:

<sup>1</sup> Id-Direttiva dwar l-Għajnuna Legali 2002/8/KE – Premessa 33; ir-Regolament (UE) 1215/2012 dwar il-Ġuriżdizzjoni u r-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali – Premessa 40; ir-Regolament (UE) 2020/1783 dwar il-Kompilazzjoni tax-Xhieda f'Materji Ċivili u Kummerċjali – Premessa 37; ir-Regolament (UE) 2020/1784 dwar in-Notifika ta' Dokumenti (Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji) – Premessa 47

### Ftehimiet Bilaterali f'Materji Ċivili u Kummerċjali

"L-Irlanda hija marbuta bid-Direttiva tal-Kunsill 2002/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet transfruntieri billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn; bir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f' kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni); bir-Regolament (UE) 2020/1783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar kooperazzjoni bejn il-qradi tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni tax-xhieda) (riformulazzjoni), u bir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni), u għalhekk qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni."

Dan l-approċċ huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni sottostanti tal-Irlanda dwar din il-kwistjoni."

---